

Brussell, 21 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10414/19

SOC 495
EMPL 383
ECOFIN 648
EDUC 326
SAN 309
GENDER 29
ANTIDISCRIM 19

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	L-Ekonomija tal-Benesseri - Sommarju Eżekuttiv tad-Dokument ta' Informazzjoni tal-OECD dwar "Il- ħolqien ta' opportunitajiet għall-benesseri tan-nies u t-tkabbir ekonomiku"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż is-Sommarju Eżekuttiv tad-Dokument ta' Informazzjoni tal-OECD imsemmi hawn fuq.

Id-Dokument ta' Informazzjoni jinsab fid-dokument 10414/18 ADD 1.

L-Ekonomija tal-Benesseri

Sommarju Eżekuttiv tad-Dokument ta' Informazzjoni tal-OECD dwar "Il-ħolqien ta' opportunitajiet għall-benesseri tan-nies u t-tkabbir ekonomiku"

Il-Benesseri bħala Kumpass għall-Politika

L-argument għall-kejl tal-prestazzjoni ekonomika u tal-progress soċjetali "lil hinn mill-PDG" huwa stabbilit sew. F'dan ir-rigward, qed jiġi rikonoxxut dejjem aktar li l-użu tal-PDG bħala kumpass uniku ma jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika bi stampa dettaljata u preċiża biżżejjed tal-mod kif l-ekonomija taħdem għaċ-ċittadini jew tal-impatti fit-tul tat-tkabbir fuq is-sostenibbiltà. L-UE kienet fost l-ewwel istituzzjonijiet li rrikonoxxiet l-importanza ta' din l-aġenda.

L-OECD kellha rwol prominenti fl-iżvilupp tal-kunċett ta' "bennesseri multidimensjonali" bħala għodda ta' riċerka, kejl u politika, permezz ta' strumenti bħall-*Qafas tal-OECD għall-Benesseri*, il-*Qafas tal-OECD għall-Azzjoni Politika dwar it-Tkabbir Inklużiv*, l-*Inizjattiva "Ħajja Aħjar"* u l-*Inizjattiva "Approċċi Ġodda għall-Isfidi Ekonomiċi"*. Il-potenzjal biex jittejbu d-deċiżjonijiet u r-riżultati ta' politika, abbażi ta' kunċett multidimensjonali tal-benesseri, huwa sinifikanti. Billi jiffokaw fuq ir-riżultati fil-bosta dimensjonijiet li huma importanti għan-nies, dawk li jfasslu l-politika jistgħu jidentifikaw aħjar l-oqsma ta' prestazzjoni tajba, jidentifikaw l-isfidi u l-oqsma ta' tensjoni fi stadju bikri u jistabbilixxu l-prijoritajiet b'mod aktar effettiv.

Minn aġenda ta' kejl għal aġenda għal azzjoni: L-Ekonomija tal-Benesseri

L-"Ekonomija tal-Benesseri" tista' tiġi definita bħala ekonomija li:

- (i) tespandi l-opportunitajiet disponibbli għall-persuni fir-rigward tal-mobbiltà soċjali għall-aħjar u biex itejbu ħajjithom tul id-dimensjonijiet li huma l-aktar importanti għalihom;
- (ii) tiżgura li dawn l-opportunitajiet jissarrfu friżultati ta' bennesseri għas-segmenti kollha tal-popolazzjoni, inkluż dawk li jinsabu fil-qiegħ tad-distribuzzjoni.
- (iii) tnaqqas l-inugwaljanzi; u
- (iv) tiżgura s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali.

Billi jipprovdu lin-nies b'opportunitajiet għal aktar benesseri u billi jgħinuhom iwettqu dawk l-opportunitajiet, dawk li jfasslu l-politika mhux biss qed jippromwovu l-benesseri bħala ġid intrinsiku, iżda qed jinvestu wkoll fil-potenzjal tan-nies bħala mutur ewlieni għal tkabbir ekonomiku fit-tul, reżiljenza u stabbiltà tas-soċjetà. Bl-istess mod, billi jiddedikaw l-attenzjoni għas-sostenibbiltà tal-benesseri tul iż-żmien, dawk li jfasslu l-politika jistgħu jimmassimizzaw il-potenzjal għal tkabbir ekonomiku fit-tul u jħarsu aħjar l-ekonomiji tagħhom minn xokkijiet negattivi. Fiż-żewġ każijiet, l-"Ekonomija tal-Benesseri" tfittex li tistabbilixxi u ssostni "ċirku virtuwż" li fih iż-żewġ elementi – it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-benesseri – jaħdmu flimkien għall-benefiċċju tan-nies u s-soċjetà.

Kif nistgħu nibnu ekonomiji tal-benesseri?

Dan id-Dokument għandu l-għan li juri kif il-pajjiżi jistgħu jibnu ekonomiji tal-benesseri u li jispeċifika r-rwol li l-politiki jista' jkollhom fil-kisba ta' dan l-oġettiv. Dan jipprovdi analiżi ta' bosta mezzi importanti li permezz tagħhom it-tkabbir ekonomiku u l-benesseri jappoġġaw u jsaħħu lil xulxin, b'enfasi fuq għadd ta' oqsma ta' politika li huma essenzjali kemm għall-benesseri kif ukoll għat-tkabbir ekonomiku: (i) l-edukazzjoni u t-taħriġ; (ii) il-kura tas-saħħa; (iii) il-protezzjoni u r-ridistribuzzjoni soċjali; u (iv) l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Id-Dokument isostni l-ewwel nett li l-investment fil-benesseri tan-nies jistabbilixxi s-sisien għal tkabbir ekonomiku fit-tul aktar b'saħħtu u aktar sostenibbli. B'mod partikolari, l-espansjoni tal-opportunitajiet għall-aċċess għal edukazzjoni u kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, u l-promozzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali inklużivi li jrawmu r-reżiljenza u l-mobbiltà soċjali, huma deskritti bħala għodod b'saħħithom għall-attivazzjoni ta' ċirku virtuwż li jikkarakterizza l-"ekonomija tal-benesseri". It-tieni nett, id-dokument isostni li, sabiex iħallu r-redditu sħiħ tagħhom, dawn l-investimenti għandhom jissarrfu f'riżultati ta' benesseri aħjar għas-segmenti kollha tal-popolazzjoni. B'hekk, jenfasizza l-importanza li tiġi eliminata l-inugwaljanza bejn is-sessi fl-aċċess għal impjiegi ta' kwalità.

Edukazzjoni

Il-benefiċċji ta' *edukazzjoni* aħjar u aktar fit-tul imorru lil hinn mill-effetti tagħhom fuq it-tkabbir tal-PDG u jkopru bosta dimensjonijiet oħra tal-benesseri. Pereżempju, **f'pajjiżi tal-OECD, persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni jgħixu medja ta' madwar 6 snin aktar minn dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni.** Dawn jesperjenzaw rati ogħla ta' impjieg, livelli aktar baxxi ta' nuqqas ta' sigurtà tas-suq tax-xogħol u ta' tensjoni fuq il-post tax-xogħol, għalkemm l-impatt ta' edukazzjoni itwal fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jista' jkun negattiv. It-tentattivi biex jiġi kkwantifikat l-impatt nett totali tal-edukazzjoni fuq il-benesseri juru li **r-redditu għall-edukazzjoni jsir aktar mid-doppju ladarba jitqiesu l-benefiċċji f'termini ta' saħħa u impjegi.**

Il-politika tista' ttejjeb il-benesseri u żżid il-prestazzjoni ekonomika billi tespandi l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja għas-segmenti kollha tal-popolazzjoni. Għodod sinifikanti sabiex dan iseħħ jinkludu attendenza ogħla fil-livell ta' qabel il-primarja, awtonomija akbar għall-iskejjel u l-universitajiet, rati aktar baxxi tal-għadd ta' studenti għal kull għalliem, differenzi iżgħar (u perkorsi aktar faċli) bejn l-edukazzjoni akkademika u dik vokazzjonali, u ostakli aktar baxxi għall-finanzjament tal-istudenti fil-livell terzjarju. It-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-aċċess u fl-opportunitajiet fl-iskola huwa essenzjali biex jiġu promossi eżiti edukattivi aħjar, peress li l-pajjiżi b'livelli għolja ta' inugwaljanza fl-edukazzjoni u l-ħiliet jirreġistraw ukoll prestazzjoni edukattiva medja aktar baxxa. Bl-istess mod, l-ambitu, l-immirar u l-effiċjenza tat-taħriġ u tat-tagħlim tul il-ħajja jistgħu jittejjbu b'mod sinifikanti. **Madwar 40 % biss tal-adulti fil-pajjiżi tal-OECD jinvolvu ruħhom fit-tagħlim għall-adulti f'sena partikolari,** b'xi gruppi – b'mod partikolari dawk b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni – jkunu ħafna inqas probabbli li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' tagħlim għall-adulti.

Kura tas-saħħa

Is-saħħa hija dritt fundamentali tal-individwu u fattur ewlieni li jikkontribwixxi għall-benesseri. Mil-lat pożittiv, it-titjib fl-istat tas-saħħa jikkontribwixxi għal żieda fit-tkabbir ekonomiku permezz ta' investiment akbar fl-edukazzjoni, parteċipazzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol u livelli ogħla ta' ffrankar. Mil-lat negattiv, in-nuqqas ta' saħħa jimponi piż ekonomiku sinifikanti fuq is-soċjetà u l-finanzi pubbliċi, flimkien mar-riperkussjonijiet negattivi tiegħu fuq l-individwu. Pereżempju, **l-ispejjeż totali tal-mard mentali huma stmati li jammontaw għal aktar minn 4 % tal-PDG – jew aktar minn EUR 600 biljun – fost it-28 pajjiż tal-UE. Madwar 550 000 persuna fl-età tax-xogħol imutu qabel iż-żmien kull sena fl-UE minħabba mard li ma jittexid, li jammonta għal 3.4 miljun sena ta' ħajja u EUR 115 biljun f'potenzjal ekonomiku mitluf kull sena.** L-impatt tal-istat tas-saħħa fuq dimensjonijiet oħra ta' benessere jmur lil hinn sew mill-effetti tiegħu fuq it-tkabbir tal-PDG. Dan jibda bl-edukazzjoni, peress li għomor itwal iżid ir-redditu tul il-ħajja tal-investiment fl-edukazzjoni, filwaqt li livelli baxxi ta' saħħa jxekklu l-iżvilupp konjittiv fit-tfal u l-eżiti edukattivi. Is-saħħa hija wkoll fattur determinanti importanti fl-oqsma tal-impjieg u tal-benesseri soġġettiv.

Il-politika tista' ttejjeb il-benesseri u żżid il-prestazzjoni ekonomika billi tiżgura aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għas-segmenti kollha tal-popolazzjoni. Għodod sinifikanti sabiex dan iseħħ jinkludu politiki mfassla biex itejbu l-effettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari billi jestendu l-firxa ta' prodotti u servizzi koperti mill-kura tas-saħħa bażika. **Il-miżuri preventivi u l-livelli għolja ta' protezzjoni tas-saħħa jirrappreżentaw investiment essenzjali, peress li ta' sikwit huma aktar kosteffettivi minn trattament *ex post* tal-problemi tas-saħħa assoċjati. Miżuri li jikkontribwixxu għat-titjib tas-saħħa mentali għandhom jikkostitwixxu wkoll prijoritajiet ta' politika, bħall-iżvilupp ta' programmi dijanjostiċi u ta' appoġġ aktar sistematiki (b'mod partikolari fl-iskejjel u matul il-perijodi ta' tqala u peri-natali), il-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u t-tnaqqis tal-istress fuq il-post tax-xogħol. Bl-istess mod, studju dwar 36 pajjiż tal-OECD, l-UE28 u l-G20 jgħid li strateġiji ta' komunikazzjoni għall-popolazzjoni kollha u interventi politiċi għat-titjib tad-dieta u l-attività fiżika jistgħu jgħinu biex jiġu ffrankati sa EUR 58 biljun fir-rigward ta' baġits totali għas-saħħa sal-2050.** It-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-aċċess huwa essenzjali wkoll biex jiġu promossi eżiti tas-saħħa aħjar, peress li l-proporzjon ta' persuni b'livelli baxxi ta' saħħa huwa ta' piż kbir fuq l-indikaturi tas-saħħa ewlenin. Barra minn hekk, l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa ta' sikwit huma stratifikati fuq linji ekonomiċi, edukattivi jew okkupazzjonali. Pereżempju, **il-ħtiġijiet tal-kura mhux issodisfati huma sostanzjalment ogħla għal gruppi bi dħul baxx.**

Protezzjoni u ridistribuzzjoni soċjali

L-impatt tal-*protezzjoni u r-ridistribuzzjoni soċjali* fuq il-benesseri u t-tkabbir ekonomiku permezz ta' żewġ mekkaniżmi ewlenin. L-ewwel nett, it-trasferimenti soċjali jipproteġu lin-nies mill-volatilità ekonomika u jgħinuhom jirkupraw aktar malajr minn xokkijiet negattivi. It-tieni nett, dawn jistgħu jipprevjenu l-inugwaljanza fl-eżiti attwali milli jissarrfu f'inugwaljanza fl-opportunitajiet għall-ġenerazzjoni li jmiss, b'mod partikolari fis-saħħa, l-educazzjoni u fis-suq tax-xogħol. B'hekk, **il-protezzjoni soċjali tikkontribwixxi għaż-żieda fir-reżiljenza soċjoekonomika u għall-promozzjoni tal-investment fil-kapital fiżiku u uman, kif ukoll livelli oġhla ta' tkabbir ekonomiku**. Riċerka reċenti tal-OECD tikkonferma li sistemi ta' protezzjoni u ridistribuzzjoni soċjali aktar inklużivi jistgħu jiġu assoċjati ma' livelli oġhla ta' tkabbir tal-PDG, filwaqt li livelli oġhla ta' inugwaljanza fid-dħul irażżnu l-prestazzjoni ekonomika. L-impatt tal-protezzjoni u r-ridistribuzzjoni soċjali fuq il-benesseri mhux limitat għall-effetti tagħhom fuq id-dħul. Hemm evidenza li l-protezzjoni soċjali u xi ridistribuzzjoni tad-dħul huma assoċjati ma' livelli oġhla ta' benessereri soġġettivi.

Il-politika tista' ttejjeb il-benesseri u żżid il-prestazzjoni ekonomika billi tippromwovi sistemi ta' protezzjoni soċjali aktar inklużivi u tnaqqas l-inugwaljanza fl-opportunitajiet u l-eżiti. L-*Istrateġija l-ġdida tal-OECD għall-Impjieġ* tenfasizza l-fatt li **skemi tas-sigurtà u assistenza soċjali mfassla sew, jekk ikunu kkombinati ma' politiki attivi tas-suq tax-xogħol u ma' politiki li jrawmu d-domanda tax-xogħol, jistgħu jkunu effettivi ħafna fil-protezzjoni tal-individwi, filwaqt li fl-istess ħin iwasslu għal eżiti aħjar tas-suq tax-xogħol**. L-effetti jistgħu jkunu importanti, b'mod partikolari għall-familji tal-klassi medja li jaffaċċjaw riskji oġhla ta' mobbiltà negattiva. Pajjiżi tal-OECD li jonfqu aktar fuq programmi attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP) għandhom tendenza li jkollhom porzjoni iżgħar ta' unitajiet domestiċi bi dħul medju li jiċċaqilqu għal livelli aktar baxxi tad-distribuzzjoni tad-dħul. Sabiex dawn l-oġġettivi jiġu appoġġati, hemm lok li f'ħafna pajjiżi s-sistema tat-taxxa fuq id-dħul issir aktar progressiva, b'mod partikolari għal persuni bi dħul għoli, u aktar ġusti għall-klassi medja.

Ugwaljanza bejn is-sessi

Il-promozzjoni tal-*ugwaljanza bejn is-sessi* hija ta' benefiċċju għas-soċjetajiet u l-ekonomiji f'għadd ta' modi differenti, flimkien mal-valur intrinsiku tagħha. **Iż-żieda fl-impjieg u fis-sigħat tax-xogħol tan-nisa twassal għal żieda fil-produttività u għal livelli ogħla ta' tkabbir tal-PDG.** Hija tista' wkoll tnaqqas l-inugwaljanza fid-dħul, tappoġġa d-dħul tal-familji matul perijodi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u tikkonsolida l-klassi medja. **Għall-UE, it-titjib tal-ugwaljanza bejn is-sessi jista' jwassal għal żieda fil-PDG totali sa 9.6 % sal-2050.** Ix-xejriet attwali fl-istennija tal-għomor u r-rati tal-fertilità jsaħħu l-argument għaż-żieda tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, minkejja żieda fir-rati ta' parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, l-inugwaljanzi bejn is-sessi f'termini ta' aċċess għal impjegi ta' kwalità għadhom sostanzjali. In-nisa impjegati huma aktar probabbli li jaħdmu part-time, għal paga aktar baxxa, u f'setturi li jħallu anqas qligħ.

Il-politika tista' ttejjeb il-benesseri u żżid il-prestazzjoni ekonomika billi tgħin fit-tnaqqis tad-distakk bejn is-sessi fl-aċċess għal impjegi ta' kwalità. Sabiex dan iseħħ jeħtieġ li tiġi indirizzata l-inugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, iżda wkoll fl-edukazzjoni u x-xogħol ta' kura bla ħlas.

Il-kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi huma marbuta b'mod intrinsiku mal-politiki favur il-familja – mal-liv bi ħlas, appoġġ għall-kura u arranġamenti flessibbli fuq il-post tax-xogħol – li jgħinu kemm lill-irġiel kif ukoll lin-nisa jiksbu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u benesseri akbar. Politiki li jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja tal-familja, b'mod partikolari permezz ta' servizzi ta' kwalità fl-oqsma tal-edukazzjoni bikrija u l-kura, jistgħu joħolqu l-kondizzjonijiet ekwi billi jikkumpensaw għall-iżvantaġġi fid-djar, b'mod li jippermetti li n-nisa jagħmlu progress fil-karrieri tagħhom u jevitaw it-trażmissjoni tal-iżvantaġġi lit-tfal. B'mod partikolari, **it-titjib tal-aċċess għal programmi ta' indukrar u preskolastiċi ta' kwalità tajba għat-tfal huwa essenzjali għall-ugwaljanza bejn is-sessi u biex it-tfal jingħataw l-aħjar bidu possibbli għall-ħajja .** Jeħtieġ ukoll li jsiru aktar sforzi fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa. Madwar l-UE kollha, **14 % biss tan-nisa li jirrappurtaw li kienu vittmi ta' vjolenza minn sieħeb jgħidu li kkuntattjaw lill-pulizija** dwar l-aktar inċident serju.

Strateġija ta' Benessri għall-UE

B'mod ġenerali, l-evidenza ppreżentata f'dan id-dokument turi li l-benesseri ma għadux nota sekondarja interessanti. Minflok, jistħoqqlu jieħu post aktar ċentrali fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi. Dan għandu implikazzjonijiet sinifikanti għall-politika:

- **L-investiment għandu jerġa' jingħata prijorità biex jittieħed kont tar-rabtiet bejn l-eżiti tal-benessri u t-tkabbir ekonomiku fit-tul**, sabiex jiġi ppreservat iċ-ċirku virtuż li jikkarakterizza l- "Ekonomija tal-Benesseri".
- **L-effetti tal-politiki jeħtieġ li jiġu vvalutati kif xieraq biex jiġi mminimizzat l-impatt detrimental tagħhom fuq il-benesseri u t-tkabbir fit-tul**, b'mod partikolari fil-kuntest tal-aġġustament fiskali.
- **L-inugwaljanzi fl-eżiti tal-benesseri għandhom ikunu tħassib ewlieni għall-politika. Sabiex jiġu indirizzati ser jenħtieġ approċċ koerenti u integrat li jimmobilizza l-gvern kollu**, peress li l-inugwaljanzi għandhom tendenza jkunu korrelati bejn dimensjonijiet differenti u firxa ta' politiki jikkontribwixxu għalihom.
- **Il-ħolqien ta' ekonomija tal-benesseri mhuwiex biss missjoni għall-gvernijiet. Is-settur privat jista' wkoll jikkontribwixxi għal dan l-oġettiv b'modi differenti**. L-istabbiliment ta' sħubijiet pubbliċi/privati effettivi għall-promozzjoni tal-benesseri u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għall-investiment b'impatt soċjali jistgħu jikkostitwixxu mod innovattiv kif jiġu indirizzati l-isfidi ta' finanzjament.

Bħala l-pass li jmiss, ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika ppreżentati f'dan id-Dokument ta' Informazzjoni jistgħu jiġu żviluppati aktar, bl-għan li jikkontribwixxu għal *Strateġija għall-Benesseri u s-Sostenibbiltà għall-UE* li tkun orjentata lejn l-azzjoni.